



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15457/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0389(NLE)**

**POLCOM 193
COASI 225
ASIE 102**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 653 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tal-Lista ta' Esperti, u r-Regoli ta' Proċedura għall-panel li għandu jitlaqqa' biex jeżamina l-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 653 final.

Mehmuż: COM(2022) 653 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2022
COM(2022) 653 final

2022/0389 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tal-Lista ta' Esperti, u r-Regoli ta' Proċedura għall-panel li għandu jitlaqqa' biex jeżamina l-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont l-Artikolu 22.3 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika, b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-

- (a) lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala esperti biex jitlaqqa' l-panel biex jeżamina l-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16 (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli) tal-FSE bejn l-UE u l-Ġappun,
- (b) ir-Regoli ta' Proċedura għall-panel ta' esperti.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ("il-Ftehim") għandu l-għan li jilliberalizza u jiffaċilita l-kummerċ u l-investment, li jippromwovi relazzjoni ekonomika aktar mill-qrib bejn il-Partijiet, kif ukoll li jippromwovi l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli.

Fl-20 ta' Diċembru 2018 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kkonkluda l-Ftehim wara r-ratifika tal-Parlament Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2018. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019.

2.2. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

L-Artikolu 22.3 (1) tal-Ftehim jistabbilixxi kumitati speċjalizzati, inkluż dak dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, li jinkludu rappreżentanti taż-żewġ Partijiet. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-kumitat speċjalizzat għandhom jittieħdu b'konsens u jistgħu jiġu adottati matul laqgħa wiċċ imb wiċċ jew bil-miktub (l-Artikolu 22.3 (3) (f)).

2.3. L-atti previsti tal-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

Skont il-paragrafu 4(d) tal-Artikolu 16.18, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jistabbilixxi lista ta' mill-inqas għaxar individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala esperti biex il-panel li se jitlaqqa' jeżamina l-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16 (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli) tal-FSE bejn l-UE u l-Ġappun.

Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sottolisti: sottolista għal kull Parti u sottolista għal individwi li ma jkunu ċittadini tal-ebda Parti u li għandhom iservu bħala l-President tal-grupp.

Tħejja abbozz ta' lista ta' tnax-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala esperti bejn il-partijiet.

Il-lista tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 4(d) tal-Artikolu 16.18 tal-Ftehim fejn kull sottolista għandha tinkludi mill-inqas tliet individwi. Is-sottolista għall-UE tinkludi erba' individwi, is-sottolista għall-Ġappun tinkludi erba' individwi u s-sottolista ta' presidenti maqbula b'mod konġunt tinkludi erba' individwi.

Barra minn hekk, skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 16.18, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jadotta r-regoli ta' proċedura għall-panel ta' esperti.

Tħejja abbozz ta' regoli ta' proċedura bejn il-partijiet.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li tadotta l-lista ta' esperti u r-regoli ta' proċedura. Il-pożizzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Princġipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni adottata mil-leġislatura tal-Unjoni”*¹.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika.

L-att li l-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att li għandu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikoli 16.8 u 22.3 tal-Ftehim.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Baży ġuridika sostantiva

4.2.1. Princġipji

Il-baży ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun imsejsa fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-għan ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrelataw mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tal-Lista ta' Esperti, u r-Regoli ta' Proċedura għall-panel li għandu jitlaqqa' biex jeżamina l-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 207(3) u l-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1907 tal-20 ta' Diċembru 2018² u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019.
- (2) Il-paragrafu 4(d) tal-Artikolu 16.18 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jistabbilixxi lista ta' mill-inqas għaxar individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala esperti għall-panel li se jitlaqqa' biex jeżamina l-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16.
- (3) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 16.18 tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jadotta r-regoli ta' proċedura għall-panel ta' esperti.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, peress li d-deċiżjoni prevista se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Skont il-paragrafu 3 tal-Artikolu 22.3 tal-Ftehim, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jistgħu jiġu adottati wkoll bil-miktub,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-adozzjoni tal-Lista ta' Esperti u r-Regoli ta' Proċedura għall-panel li għandu jitlaqqa' biex jeżamina l-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

² ĠU L 330, 27.12.2018, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

F'isem il-Kunsill

Il-President